

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla l-att maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea li jistabbilixxi s-somma li għandha tiġi rimborsata mir-rikorreni minħabba t-tnaqqis tal-ammont għal sussidju fil-kuntest tal-Programm LIFE 11.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa indirizzat kontra l-att maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Jannar 2019, innotifikat fl-24 ta' Jannar 2019, li jistabbilixxi s-somma li għandha tiġi rimborsata mir-rikorreni, peress li l-ispejjeż li għandhom jiġu ssussidjati fil-kuntest tal-proġett LIFE 11 ENYES/000593-H2AL RECYCLING tnaqqsu, u li fih ordni ta' ħlas.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' ksur ta' forom proċedurali sostanzjali.
  - F'dan ir-rigward huwa allegat li l-Kummissjoni Ewropea ma ppreżentatx argumenti jew data li jippermettu lir-rikorreni li tirribatti l-argumenti tagħha lil hinn mill-kontenut tal-ittra inizjali tagħha ta' Jannar 2017, li fiha l-Kummissjoni informat lir-rikorreni li l-ispejjeż li ma setgħux jiġu koperti b'finanzjament, minħabba li fil-komunikazzjonijiet kollha tagħha hija llimitat ruħha għar-riproduzzjoni tal-istess argumenti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tat-Trattat jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali marbuta mal-applikazzjoni tiegħu.
  - F'dan ir-rigward huwa allegat li l-atti li jillimitaw drittijiet suġġettivi jew interessi leġittimi għandhom ikunu motivati, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea, peress li fil-każ kuntrarju jista' jkun hemm aġir arbitrarju għall-benefiċċju ta' min jadotta u abbuż ta' poter, bi ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' aspettattivi leġittimi, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' "projbizzjoni tal-arbitrarjetà", li huma rrikonoxxuti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża.
  - F'dan ir-rigward huwa allegat li minħabba l-assenza ta' motivazzjoni ta' dan l-att ma humiex issoddisfatti l-kunduzzjonijiet amministrattivi solidi li jippermettu li jiġu ddikjarati ċerti spejjeż bħala mhux eliġibbli u, konsegwentement, ma huwiex possibbli li dawn jiġi miċħuda.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019 — Société des produits Nestlé vs EUIPO — Jumbo Africa  
(Rappreżentazzjoni ta' figura ta' bniedem fiċ-ċentru ta' tarka)**

(Kawża T-149/19)

(2019/C 155/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorreni: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz, A. Lambrecht u C. Elkemann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jumbo Africa, SL (L'Hospitalet de Llobregat, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża*: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta figura ta' bniedem fiċ-ċentru ta' tarka bil-kuluri aħmar, blu, blu ċar, blu skur, griż u abjad — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 273 634.

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni.

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 876/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad ir-rikors li jikkonċerna l-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 2 738 030; u
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-intervenjenti eventwali għall-ispejjeż sostnuti quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

- Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 91(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 46(1)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019 — Brunswick Bowling Products vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-152/19)**

(2019/C 155/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Brunswick Bowling Products LLC (Muskegon, Michigan, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Martens u V. Ostrovskis, avukati)

*Konvenuta*: Il-Kummissjoni Ewropea